


FOLJU MAĦRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

Nru. 162 FRAR 1953. Nru. 162

# IL-PROVVISTI TA' L-ILMA F'MALTA

**DAN l-aħħar ġie mxandar ir-rapport dwar ir-riżorsi ta' l-ilma f'Malta li ġew mistħarrġa mill-espert T.O. Morris, M. B. E., D.Ss., F.G.S., M.M.G.I., wara li għamel studju estiż fuq din il-materja. Ir-rapport Morris huwa studju xjentifiku u ta' importanza li jinkludi l-possibiltajiet tal-problema dwar il-provvisti ta' l-ilma u hemm miegħu ħmistax-il tabella u ħmistax-il disinn ta' bosta nħawi mill-Gżira.**

Morris beda r-rapport tiegħu bil-ġrajja tal-problema ta' l-ilma sa minn meta ġew f'Malta l-Kavalieri u fil-Gżejjer kien għad hawn biss popolazzjoni ta' madwar 15,000 ruħ li dan l-għadd tan-nies kompla naqas sa 10,000 ruħ wara l-Assedju l-Kbir ta' l-1565.

Morris semma l-ħidma li bdiet issir mill-Kavalieri biex iżidu l-provvisti ta' l-ilma u d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom minħabba l-ispejjeż meħtieġa sakemm fl-aħħar tela' fil-ħakma l-Gran Mastru Wignacourt, li rnexxielu jegħleb dawn id-diffikultajiet billi ħareġ minn butu l-ispiża meħtieġa u bena l-akwedott li għadu fl-użu sal-ġurnata tal-lum.

L-Akwedott Wignacourt jiġbor fih l-ilma li joħroġ minn nixxiegħat fl-inħawi tal-Għeriexem, il-Borġ ta' l-Imtarfa, Bużugrilla, Għajn Qajjiet, Għajn Klieb u nħawi oħra ta' madwar. Dan l-akwedott dam jaqdi ħafna lill-poplu minkejja ż-żieda li kienet qiegħda ssir fil-popolazzjoni u li kienet laħqet mal-114,000 fiż-żmien li f'Malta ġew il-Franċiżi. Mal-miġja ta' l-Ingliżi meta Malta saret il-bażi navali ewlenija tal-Mediterran, il-poplu kompla joktor u l-problema ta' l-ilma reġgħet bdiet tinħass sewwa.

**IS-SAQWI:**

Fir-Rapport Morris hemm imsemmija l-għadd kbir ta' rapporti li saru minn diversi esperti dwar il-provvisti ta' l-ilma, iżda fil-qosor ta' dawn il-ftit kommenti ma nistgħux nidħlu fid-dettalji dwar dak kollu li semma dan it-tekniku magħruf. Fuq kollox l-aktar li jinteressa lilna huwa l-fatt ta' kemm għandha taqsam il-provvista ta' l-ilma mal-biedja ta' artna u speċjalment dwar ir-raba' saqwi li għandna jew li għad jista' jkollna.

**ILMA TAL-PJAN:**

Fost il-poplu, u l-aktar fost il-bdiewa, ftit huma dawk li jafu li fiż-żmenijiet tal-lum l-ilma li qegħdin ninqdew bih huwa ġej permezz ta' ippumpjar mil-livell tal-baħar. In-nixxigħat li nafu bihom fit-truf ta' dawk l-għoljiet u li kienu jaqduna tajjeb fl-imgħoddi ma għadhomx ilaħħqu biex jaqdu l-ħtiġiet tal-poplu kollu. Dan ifisser li aħna qegħdin aktarx nixorbu minn dak l-ilma baħar purifikat waqt il-mogħdija tiegħu mill-fissuri tal-blat u li minnu hemm depożitu taħt l-art fil-livell ta' wiċċ il-baħar. Dan ifisser ukoll li kemm għar-raba' saqwi kif ukoll għall-konsum tal-poplu qegħdin dejjem nippumpjaw mill-istess depożiti ta' taħt l-art li kull ma jmur aktar qegħdin jagħtu fis-salmastru.

**IR-RIŻORSI QED JONQSU:**

Saret għalhekk ħaġa milqugħa mit-tekniċi kollha illi l-ilma li jiġi ippumpjat minn taħt l-art għas-saqwi, jinsabu fejn jinsabu dawn il-pompi, qed jittieħed mill-istess depożiti ta' ilma li qed jintuża għall-ħtiġiet domestiċi.

Il-bdiewa stess jafu li l-ilma li qegħdin jużaw għat-tisqija qiegħed kull ma jmur isir aktar salmastru, ħaġa li qiegħda ddaħħalhom fi spi-

(Ikompli fil-paġ. 2)

## KONKORS TAL-ĦLIB

**L-GĦAQDA Nazzjonali għat-Trobbija ta' l-Ifrat, li s-sena li għaddiet organizzat l-ewwel konkors tal-ħlib u wirja tal-bhejjem ta' l-ifrat fix-xahar ta' Mejju, sejra din is-sena wkoll torganizza Konkors tal-Ħlib u wirja tal-bhejjem ta' l-ifrat u mogħoż fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa, nhar il-Ħadd, 12 ta' April li ġej, fil-għodu.**

**Sejrin jingħataw qrib il-mitt lira premijiet fi flus, barra minn għadd sabiħ a' tazzi. L-ewwel premju għall-baqar ser ikun £40 u tazza, it-tieni premju £20 u tazza u t-tielet premju £10 u tazza, fil-waqt li dawk il-baqar li jiġu r-raba', il-ħames u s-sitta, jiġu mogħtjin tazza kull waħda minnhom.**

**L-ewwel premju għall-mogħoż se jkun ta' £12 u tazza, it-tieni premju £8 u tazza u t-tielet premju £4 u tazza.**

**Inħeġġu lil dawk li jrabbu sabiex iħejju mill-aħjar il-bhejjem ta' l-ifrat u l-mogħoż li beħsiebhom iressqu għal dan il-Konkors sabiex f'din il-kompetizzjoni bejn il-ħbieb jirnexxilhom jiksbu xi premju jew xi tazza bħala twettiq tal-kapaċità tagħhom fil-għażla tarrazez u t-trobbija tal-bhejjem.**

# It-Tiġieġ Suwed ta' Malta

(*K. Vella Haber*)

**ISSA huwa l-aħjar żmien għat-tfaqqis tal-bajd u t-trawwim ta' merħliet ġodda ta' tiġieġ. Ikun jaqbel għaldaqshekk li nagħtu ftit tat-tagħrif, li aħna nħossuh meħtieġ, lil dawk kollha li jkunu beħsiebhom rawmu xi ftit tiġieġ bajjadin li minnhom jistennew li jkollhom profitt xieraq, għall-ħidma li jaħlu magħhom.**

Qabel ma wieħed jibda jrawwem it-tiġieġ għandu jaħsibha sewwa i ma għandux ikun huwa li jżomm lit-tiġieġ iżda aktarx li t-tiġieġ li rabbi għandhom iżommu lilu bil-profitt li jikseb minnhom. Iżda biex xull min irabbi t-tjur jirnexxilu jikseb dan il-għan, għandu jqis u jara jabel xejn liema razza ta' tiġieġ irabbi. It-tiġieġ jitrabbew l-ewwel-ıett għall-produzzjoni tal-bajd u l-laħam. Għaldaqshekk għandha tin-għażel razza ta' tiġieġ li barra li jkunu bajjadin ħafna, jipproduċu wkoll .aħam mill-aħjar għall-mejda.

**OBBIJA BIS-SENGHA:**

mbagħad, ma għandniex x'ingħidu, ux biżżejjed li wieħed ikun għażel li ıbbi razza ta' tiġieġ minn dawn iżda ı meħtieġ li t-tiġieġ jitrabbew skond engħa. Il-kmamar tat-tjur li jkunu ınin u ventilati mill-aħjar huma ħwej-essenzjali għat-trobbija bis-sengħa. Barra minn dan it-tjur jeħtieġu xi ħar-mdaqqsa fejn jimirħu u jlaqqtu l-ħa-aħdar, id-dwied ħajjin u frakijiet tal-ıbux u materjal ieħor li jagħmlilhom jeb ħafna u fuq kollox jeħtieġu d-dawl x-xemx.

**ZEZ IMHALLTA:**

Issa nerġgħu pass lura dwar ir-razza t-tiġieġ li wieħed għandu jrabbi. Daż-żmien hawn f'pajjiżna ħafna ra-ta' tjur tant imsemija li wieħed jis-na minnhom produzzjoni kbira ta' bajd iżda ħafna huma dawk li jrabbu t-tjur li jibqgħu diżappuntati l-għaliex ma jiġbrux minnhom il-kwantità ta' bajd li kienu joħolmu.

**IS-SEWDA TA' MALTA:**

*Fost ir-razez ta' tiġieġ li qegħdin jit-rabbew fil-pajjiż hemm bla dubju t-Tiġieġ Suwed ta' Malta, u jiena nħoss li għandi bil-qawwa kollha irrikkmanda dawn it-tjur fuq kull razza ta' tiġieġ oħra, jekk wieħed ikun irid jilħaq il-għan imsemmi fil-bidu, dak, jiġifieri, li t-tjur iżommu lil min irabbihom bil-produzzjoni kbira tal-bajd li jiġbor minnhom u l-laħam bnin għall-mejda.*

It-tiġieġa Sewda ta' Malta tbid daqs l-aqwa razza magħrufa u laħamha huwa wkoll mill-aħjar u barra minn dan terfa' ħafna laħam. Il-qoxra tal-bajd li jagħtu hija ta' lewn abjad u jbidu daqs il-magħ-rufin razza ta' Livornu (White Leghorn).

**PRODUZZJONI U SAHHA:**

Ġew żminijiet li t-tiġieġa sewda ta' Malta kienet popolari tassew hawn Mal-ta u mbagħad, wara, billi daħlu minn barra razez ġodda magħrufin, it-tiġieġa sewda tagħna ġiet kemxejn imwarrba; iżda l-lum, id-dilettanti tagħna ntebħu kemm hija aqwa t-tiġieġa sewda ta' Malta għal saħħitha u l-produzzjoni kbira ta' bajd li tagħti.

*Tiġieġ primi mir-razza tas-Suwed ta' Malta jbidu mal-180 bajda fis-sena u jis-tgħu jaslu wkoll biex jagħtu minn 200 sa 250 bajda fis-sena jekk jitrabbew kif imiss u jingħalfu għalf imħallat bir-reqqa.*

**IL-FEHMA TAT-TEKNIĊI:**

Forsi biex wieħed jikkonvinċi lil min kun ser irabbi t-tjur, ikun jaqbel li nġibu xi awtorità kbira dwar dan. Awtorità aqwa mill-Professur Borg mhux la kemm issib. Il-Professur Borg kien l-aqwa tek-niku u l-aqwa studjuż li qatt kellha l-bie-dja ta' Malta. Dan il-Professur, wara li dam jesperimenta għal sitt snin sħaħ b'ti-ġieġ ta' razez differenti wasal fil-konklu-żjoni li t-tiġieġ Suwed ta' Malta ma tgħaddihom ebda razza oħra ta' tiġieġ. Hemm tiġieġ bajjada li huma aktarx is-baħ fid-dehra iżda jbidu iżjed żgur li le.

Il-lum ir-razza tat-tiġieġ Suwed ta' Malta reġgħet saret tassew popolari u bir-raġun. Min irid inissel minnhom ma għandu jsib ebda diffikultà u fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa, hemm għall-bejgħ bajd biżżejjed minn din ir-razza. Inħeġġu għaldaqshekk lil dawk kollha li jrabbu t-tiġieġ sabiex inisslu Ti-ġieġ Suwed ta' Malta u jrabbuhom bis-sengħa. Jekk jagħmlu dan, jagħtuna ra-ġun u joħorġu tassew soddisfatti.


## SIĠAR U PJANTI GHALL-BEJGH

Siġar tal-larinġ, lumi, mandurina, ħawħ, ajnbaqar, tuffieħ, kaki, ċirasa, berquq, , pruna, kif ukoll basal tal-fjuri u kull ta ta' pjanti ornamentali ta' kwalità na jinsabu gall-bejgħ minn: MUSCAT SE NURSERY, Nru. 24, Idmeida Str., Balzan.






**Il-famuża makna tal-ħlib "SIMPLEX"**

**Użata mill-Gvern fl-Għammieri, Marsa.**

**Tiffrankalek il-ħin u x-xogħol, tħarislek il-bhejjem mit-tniġġis, iżżommlok l-akbar in-dafa fil-ħlib, sempliċi biex tħaddimha u tin-ġarr bil-ħeffa minn post għal ieħor. — Tajba għal baqar u mogħoż. — Taħli inqas minn pinta petrol kull siegħa**

Aġent: **V.R. RIZZO, 20, Carmel Street, San Ġiljan.**

Tel. Sliema 634.


## FLIELES GHALL-BEJGH

Minn żmien għal żmien qegħdin jinbie-għu flieles mill-Qasam tal-Gvern, l-Għam-mieri, il-Marsa, ta' l-aħjar razez li jin-sabu f'Malta. Fix-xandira li jagħmel id-Dipartiment fuq ir-Rediffusion kull nhar ta' Ħadd mit-8.30 sad-9.00 ta' filgħodu nħabbru sikwit dwar il-bejgħ ta' dawn il-flieles.

## L-IMPORTAZZJONI TAL-BAQAR SOSPIŻA

Ngħarrfu illi għal żmien tliet xhur mill-20 ta' Jannar, 1953, ma humiex sej-rin jinħarġu aktar liċenzi għall-impor-tazzjoni ta' baqar tal-ħalib.

## DEMEL GHALL-BEJGH

Mill-Qasam tal-Gvern l-Għammieri, il-Marsa għadu qed jinbegħ demel tar-raz-zett bil-prezz baxx ta' ħames xelini kull xkora, tkun kbira kemm tkun. Approfit-taw ruħkom minn din l-okkażjoni sabiħa.

## GHASEL TAL-BUSKETT

L-għasel ta' Malta kien minn dejjem u għadu l-aħjar għasel li jinbiegħ fis-suq. Id-Dipartiment tal-Biedja għandu għall-bejgħ għasel miġbur min-naħal li jrabbi l-Gvern fil-Buskett bis-sitt xelini l-vażett. Il-vażetti jinxtraw mill-Għammieri, il-Marsa.

